# Surmastrijiet Diretturi ta' ġieħ għall-Banda S. Gejtanu (Ħamrun).

Fost il-bosta persuni li l-Ħamrun tal-bieraħ ra u ħaddan miegħu, żgur li kien hemm fundaturi ta' bosta għaqdiet Ħamruniżi li mhux biss għenu soċjalment u moralment, iżda wkoll sagrifikament billi offrew it-talenti kbar tagħhom, sabiex jagħnu s-soċjetà. Din is-sena il-Banda għażiża tagħna, il-Banda San Gejtanu, tagħlaq disgħin sena mill-formazzjoni tagħha. Dawn id-disgħin sena għalqithom għaliex kellha bandisti ta' klassi, għaqda u fuq kollox Surmastrijiet Diretturi kbar fis-serjetà indiskutibbli tagħhom. Għaldaqstant illum ser nagħtu ħarsa lejn is-Surmastrijiet Diretturi li s-Soċjetà mużikali S. Gejtanu tal-Ħamrun kellha fi ħdanha, mill-bidu tat-twaqqif tagħha fl-1906 sa' llum, l-1996.



Fis-sena 1906, disgħin sena ilu, insibu lill-ewwel Direttur tal-Banda S. Gejtanu **Mro. Giuseppe Sammut**. Huwa kien Sergeant Drummer u wara Surmast tal-1st K.O.M.R. Is-Surmast Sammut dam sena u nofs jidderieġi l-Banda, i.e. sal-1907. Huwa dderieġa l-Banda fil-pubbliku. Wara 44 jum mit-twaqqif tagħha għamel ukoll Innu Kbir li għalih ġie mfaħħar ħafna. Dam s'Ottubru 1907. Hu jibqa' msemmi bħala rebbieħ ta' midalja tad-deheb fost 117-il surmast (riferenza - Programm 1994 pp.245-249).



Is-sena 1907 rat id-dħul tat-tieni Direttur tal-Banda, **s-Surmast Gioacchino Micallef**. Tul id-direttorat tiegħu, Mro. Micallef ħejja l-Banda għall-Prof. Mro. Salvatore Scolaro. Kien idderieġa l-Banda fl-ewwel tas-sena 1908. Kien kurunettista prim mal-King's Own u l-R.M.A. Mro. Micallef dam imexxi l-Banda huwa wkoll għal ftit xhur.



Fl-1908, issa mħejjija għal taħt idejh, il-Banda San Gejtanu, għaddiet f'idejn l-imsemmi **Professur u Surmast Mro. Salvatore Abela Scolaro**. Dan idderieġa l-Banda l-ewwel darba fit-18 ta' Frar 1908. Is-Surmast Abela Scolaro, kien ġej minn familja tradizzjonalment abbinata mal-Mużika, u minbarra dan, huwa nnifsu kien Surmast tal-Banda tal-Ammirall. Is-Surmast Abela Scolaro dam imexxi l-Banda sal-1910 u għalhekk nistgħu ngħidu li dan kien l-ewwel Surmast li kiser it-tradizzjonali tas-Surmastrijiet ta' qablu, s-Surmastrijiet Sammut u Micallef, għax dam iktar minnhom imexxi l-Banda. Huwa dderiġiha għal sentejn.

Fl-1911, il-Banda San Gejtanu bdiet titmexxa mis-Surmast Giuseppe Micallef. Dan kellu wkoll il-laqam tiegħu. Fil-fatt kienu jsibuh bħala "Baqrambun". Huwa kien Surmast ta' diversi baned fosthom ta' dik imsejħa "Tal-Baqra" (li minnu

aktarx wiret il-laqam tiegħu). Dina kienet Banda Żabbarija. Huwa kien ukoll Surmast tal-Banda fin-Naxxar fost oħrajn.

Fl-1912 reġa' daħal għat-tmexxija tal-Banda San Gejtanu, is-Surmast Prof. Salv. Abela Scolaro. Hawnhekk is-Surmast Abela Scolaro dam sas-sena ta' wara, jiġifieri sal-1913.



Fl-1914 il-Banda S. Gejtanu rat imexxiha lis-Surmast Direttur Salvatore Mallia, Surmast ta' ħafna baned f'artna, fosthom Nikolina tas-Siġġiewi, l-Isle Adam, Duke of Connought, Pinto eċċ. Fi żmien l-Ewwel Gwerra hu dderieġa wkoll l-R.M.A. u La Valette, fin-nuqqas tas-Surmast tagħhom. Dan ukoll kien għamel innu kbir li reġa' ndaqq m'ilux għall-Kor u Vuċijiet. Is-Surmast Mallia dam fid-direzzjoni ta' din il-Banda ta' S. Gejtanu, għal sitt snin sħaħ, jiġifieri sas-sena 1920.

Fis-sena 1921 il-Banda laqgħet bħala s-Surmast Direttur tagħha, lil Mro. Antonio Micallef magħruf bħala Nono. Ieħor b'esperjenza mużikali ma' baned oħrajn, fosthom bħala Surmast tas-2nd K.O.M.R. u tal-Baned f'Tuneż u Lixandra u San Mikiel u l-Isle Adam. Ifforma f'Tuneż id-Duke of Connought u għamel isem ukoll Lixandra. Fundatur tal-banda Leone XIII ta' B'Kara u l-Mellieħa. Huwa kien ukoll Mexxej tal-Banda Duke of Connought (B'Kara). Għall-aktar tagħrif dwaru ara l-Programm tal-Banda tal-1992. Is-Surmast Antonio Micallef mexxa l-Banda S. Gejtanu mill-1921 sal-1922 meta ħalla xtutna għal Lixandra flok Surmastrijiet Taljani.



Fl-1923 daħal imexxi lill-Banda San Gejtanu s-Surmast Gianninu Grech magħruf iktar bħala Ganni. Dan kien imexxi wkoll il-Piccola Banda La Valletta kif ukoll qeda' ta' Surmast. Ħadem ukoll għall-King's Own meta kellu jintgħażel huwa bħala Aġent Surmast tal-Banda La Vallette. Is-Surmast Gianninu Grech dam imexxi l-Banda tagħna S. Gejtanu għal seba' snin sħaħ. jiġifieri sal-1930. Huwa wkoll għamel innu kbir bil-kor u vuċijiet, ir-raba' wieħed mit-twaqqif tagħha li għadu jindaqq spiss fil-Festa.

Fl-1931, it-tmexxija tal-Banda għaddiet taħt idejn is-Surmast Emanuele Spiteri. Emanuele Spiteri kien ukoll Surmast tal-R.M.A. għal bosta snin, huwa ħa post is-Surmast Miruzzi mal-Banda l-oħra tal-Ħamrun, S. Ġużepp. Dan sar minħabba li s-Sur Miruzzi kien marid. Is-Surmast Spiteri serva wkoll mal-Banda La Vallette. Huwa kien Surmast tal-Unione ta' Ħal Luqa. Kien fost l-ewwel Surmastrijiet Maltin li telgħu fil-Kulleġġ tal-Armi, l-Ingilterra, minn fejn ġie kwalifikat għat-tagħlim, kompożizzjoni, direzzjoni eċċ. Xkiel sab ukoll. Fil-fatt kemm hu, kif ukoll Gianninu Grech sabu oppożizzjoni minn xi wħud mill-membri tal-kumitat u bandisti ta' dak iż-żmien biex isir minflokhom is-Surmast Antonio Zammit. Huwa dam sena jmexxi l-Banda S. Gejtanu.

L-1932 it-tmexxija tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun għaddiet f'idejn is-Surmast Direttur Antonio Zammit. Is-Surmast Zammit qeda' għall-bosta snin bħala Ass. Surmast taħt is-Surmastrijiet Grech u Spiteri li semmejna iktar qabel. Kien ukoll Surmast tal-Baned ta' Ħal Tarxien u tat-Trinità Mqaddsa meta din ta' l-aħħar twaqqfet. Dan is-Surmast serva l-Banda S. Gejtanu bħala Surmast għal 11-il sena sħaħ i.e. mill-1932 sal-1943, żmien l-aħħar Gwerra Dinjija.

Suċċessur ieħor tal-familja mużikali Abela Scolaro, is-Surmast Direttur Joseph Abela Scolaro, daħal imexxi l-Banda fl-1943. Dan is-Surmast kien wieħed mill-ewwel surmastrijiet li ħa d-diploma FLCM. Bħal missieru Carmelo serva f'Malta bħala Surmast tal-Banda tal-Istitut S. Ġużepp, tal-Banda Union (Luqa), mal-Banda M.M. Gratiae (Żabbar), kif ukoll mal-Banda Leone t'Għawdex. Surmast ukoll ta' Korijiet f'Opri, Chorus Melitensis eċċ. Kien ukoll Maestro di Cappella. Is-Surmast Direttur Mro. Jos. Abela Scolaro serva lill-Banda S. Gejtanu tal-Ħamrun għar-rekord sabiħ ta' 29 sena sħaħ. Mill-1943 sal-1972. Xogħolijiet tiegħu llum jinsabu fil-Katidral tal-Imdina għad-dispożizzjoni ta' kulħadd. L-Għaqda S. Gejtanu kburija bil-Kantata lil San Gejtanu għal kor u vuċijiet, wieħed mill-kapolavuri tiegħu li baqa' msemmi ħafna għalih.

L-1973 tlaqqgħana mas-Surmast Direttur Mro. Nazzareno Mifsud. Dan serva bħala Ass. Surmast taħt Mro. Abela Scolaro u bħala Surmast Direttur tal-Banda tagħna S. Gejtanu. Serva wkoll mal-Banda Lourdes ta' pajjiżu l-Qrendi wara li ġa kien Surmast tal-Banda S. Gejtanu. Is-Surmast Direttur Nazzareno Mifsud serva lil Banda għal 12-il sena sħaħ mill-1973 - 1985.

Fl-1985 daħal imexxi l-Banda S. Gejtanu, is-Surmast Direttur Mro. Andrew Coleiro. Mro. Coleiro kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda Duke of Connought (B'Kara), kif ukoll Surmast Direttur tal-Banda S. Ġużepp (Ħal Għaxaq), waqt li serva wkoll mal-Banda S. Gejtanu li taha marċi ħajjin, qabbieża, brijjużi li bihom tferrħu bosta qlub. Mro. Coleiro dam mal-banda S. Gejtanu mill-1985 sal-1990.

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd u mixjietna mas-snin u s-Surmastrijiet Diretturi ma stennitniex lanqas. Wasalna għas-Surmast Direttur Preżenti Mro. Raymond Sciberras li fl-1990 daħal imexxi l-Banda S. Gejtanu bl-istess deħen u għaqal li għadhom imexxuh sa llum. Mro. Sciberras minn Bormla, membru tal-Unjoni Maltija tal-Mużiċisti u Kompożituri, qabel serva bħala Assistent Surmast taħt is-Surmast Andrew Coleiro. Huwa Surmast tal-Banda M.M.Gratiae, ta' San Ġorġ ta' Bormla (belt twelidu) ukoll tal-Banda tagħna S. Gejtanu. B'hekk ukoll il-Banda San Gejtanu għandha biex tiftaħar li hi l-unika banda Maltija li kellha tliet Surmastrijiet bid-diploma FLCM imexxuha.

Wieħed ma jistax jinsa Surmast li dejjem insista għal dan l-isem: "San Gejtanu" Mro. Edoardo Farina li nsibuh l-ewwel għalliem fl-ewwel Banda ġewwa l-Ħamrun (1889) li ssemmiet San Giuseppe. Wara s-Surmast Farina sar Fundatur tal-Filarmonica San Gejtanu mill-1893 sal-1895. Is-Surmast Direttur Farina kien ukoll Surmast Direttur u Fundatur tal-Baned S. Maria (Imqabba) 1886 u La Vittoria (Xagħra Għawdex 1898). Insibu wkoll lil Mro. Farina Maestro di Cappella fil-

Knejjes Parrokkjali tal-Ħamrun, Furjana u Msida. Kien ukoll Kittieb ta' Mużika Sagra u Profana. Kellu wkoll stabbiliment tal-Mużika fejn il-Borsa l-Belt, kif ukoll insibuh fost l-ewwel bandisti ta' La Vallette fl-1874.

Minkejja li ż-żmien jgħaddi ħafif bħal żiffa riħ, il-moħħ ma jinsa qatt u l-widna ma tixbax tisma', u l-ġisem ma jixbax joqmos u jogħla mal-ħoss tal-marċi li surmastrijiet kbar taw lil Ħamruniżi u l-Maltin kollha b'qima u ġieh lil San Gejtanu, li l-Banda li ġġib ismu xerrdet mal-irjieh.

Bil-ħoss li l-qlub idewweb
ta' żgħażagħ ħerqanin
li emmnu f'San Gejtanu
bis-sħiħ, f'kull waqt u ħin

l-għajnejn qegħdin jixgħelu
jibbru bil-ferħ u s-sliem
il-Banda San Gejtanu
għaddejja fuq quddiem.

jitfakkru l-kbar li mietu
sabiex ma jmutu qatt
Surmastrijiet bikrija
xbiehethom f'qalb kulħadd

ċapċip li jtarrax, fwieħa
ta' mħabba ma taqtax
Festa b'Banda bħal tagħna
tmur fejn tmur ma tarax

u f'dan il-jum ta' ħajja
tinkiteb dlonk il-ġrajja
li taqra tkun fejn tkun
żgur tfakkrek fil-Ħamrun.

**VICTOR SCERRI**